HAL BALZAN

IR-RABA' SENA Nru. 19 — LEHEN IL-KUNSILL ĊIVIKU — SETTEMBRU/OTTUBRU 1974

SILTIET MILL-ISTORJA TA' HAL BALZAN (19)

IL-KNISJA PARROKKJALI (7)

IS-SAGRISTIJA L-QADIMA

MINN DUN GWANN DIMECH

Kif għedna fil-ħarġa tal-gazzetta tagħna 'Hal Balzan' Nru. 17, meta tlestiet il-korsija tal-Knisja Parrokkjali bdiet tintuża sagristija proviżorja li kienet fejn illum hemm il-kappellun tal-Madonna tar-Rużarju. Din is-sagristija bdiet tintuża mis-sena 1679 u aktar 'il quddiem mis-sena 1699. (1)

Nafu li fis-sena 1699 bdiet tinbena s-sagristija li aħna nsejħulha "il-qadima". Dan nafuh mill-Viżta Pastorali ta' l-Isqof David Cocco Palmieri, li għamel lill-Knisja Parrokkjali nhar l-20 ta' Settembru 1699, fejn naqraw li "fin-naħa tax-xellug tal-Kor beda x-xogħol tal-bini ta' sagristija li l-ħajt ta' barra tagħha hu 'l barra mill-ħajt tal-Knisja." (2)

Din is-Sagristija tikkonsisti f'kamra rettangolari ta' 30 pied tul u 20 pied wisgħa. Fiha tliet bibien, wieħed jagħti għall-Kappellun tal-Madonna tar-Rużarju, l-ieħor għall-Kor, u l-ieħor għal fuq. Fiha wkoll żewġ twieqi. Ma' ħajt minnhom għad hemm skolpita fil-ġebel arzella fejn kien il-ħawt ta' l-ilma fejn il-qassisin kienu jaħslu jdejhom qabel u wara l-Quddiesa. Dan il-ħawt illum qiegħed mgħotti minn wieħed mill-armadji li jiksu l-ħitan kollha ta' din is-sagristija. Disinn iffurmat minn bastun irqiq ta' l-injam ta' lewn iswed fuq panewijiet ta' lewn safrani ċar imdawrin minn gwarniċa ta' lewn ta' stejn aktar skur jagħmlu lil dawn l-armadji ta' preġju, kif ukoll bl-uniformità tagħhom jagħtu dehra sabiħa ħafna lil din is-sagristija.

Fis-saqaf ta' din is-sagristija naraw kwadru li jifforma parti mis-suffett. Dan il-kwadru jirrappreżenta l-Annunzjata u għal xi żmien kien il-kwadru titulari tal-Knisja. L-awtur ta' dan il-kwadru s'issa għadu mhux magħruf. Ħaġa waħda nafu, li dan il-kwadru hu artistikament ta' preġju bla qies kif ukoll ta' valur kbir. Minn nofs is-saqaf tinżel linfa tal-kristall. Fiż-żmien kienet tixgħel bl-aċitilena, aktar tard bil-gass, u llum bid-dawl elettriku.


'Il fuq mill-armadji, hemm għadd ta' kwadri; fosthom naraw tlieta li huma ta' għamla ovata li kienu għal xi żmien madwar il-kwadru ta' San Mikiel, u ieħor ta' Marija Assunta li l-gwarniċ tiegħu hu iswed b'disinn indurat. Jingħad li dan il-kwadru kien fil-Knisja ta' Santa Marija. F'nofs din is-sagristija hemm bankun li fuqu kienu jilbsu l-qassisin għall-Quddiesa.

Fl-1913 din is-sagristija ġiet irranġata: is-saqaf tagħha ġie mbaxxi b'mod li fuqu setgħet tinbena kamra oħra kif ukoll tliet kmamar żgħar. Għalhekk, kif naraw illum, wara din is-sagristija nsibu bidu ta' tarag regolari ta' 29 tarġa li jwasslek sal-kamra kbira fuq din is-sagristija. F'nofs dan it-tarag insibu kamra minnhom li hi wżata bħala w.c. Il-kamra ż-żgħira ta' ħdejn is-sagristija hija wżata biex jintrefgħu l-gandlieri tal-funerali, u fiha darbtejn fis-sena tiġi miżrugħa u mkabbra fil-qsari l-ġulbiena għal żmien il-Milied u għas-Sepulkru. Il-kamra ż-żgħira ta' fuq hi wżata bħala kappella, fejn jiġi miżmum privatament is-Santissmu Sagrament fil-ġranet tal-Ġimgħa l-Kbira.

Il-kamra ta' fuq is-sagristija, li fiha żewġ twieqi kbar, hi wżata biex fiha jintrefgħu x'uħud mill-oġġetti sagri li jintramaw fil-festi. Ma' ħajt minnhom hemm tliet kwadri kbar, wieħed tal-Madonna tal-Karmnu, l-ieħor ta' Santa Katerina li hu kopja fidila ta' dak tal-Mattia Preti, u l-ieħor antik ta' l-Annunzjata li taħtu hemm kitba li tgħid: "Magrio Muscat F. F. D. Dni. MDCLXXIX".

L-alterazzjoni ta' din is-sagristija u l-bini tal-kamra ta' fuq u l-kmamar l-oħra kif ukoll tat-tarag kienu f'idejn Mastru Valentinu Demicoli, u x-xogħol ta' l-aperturi ta' l-injam sar mill-mastrudaxxa Vincenzo Brincat. (3) Din is-sagristija damet tintuża bħala l-unika waħda għal wieħed u għoxrin sena sa ma kienet lesta s-sagristija l-ġdida li dwarha sejrin naraw f'ħarġa oħra.





Fl-ewwel ritratt tidher l-arzella skolpita fil-ġebel li taħtha kien hemm il-ħawt ta' l-ilma fejn kienu jaħslu jdejhom il-qassisin. Din l-arzella llum tinsab mgħottija mill-armadji li jiksu l-ħitan tas-sagristija u li jidhru fit-tieni ritratt.

Referenzi:

1. De Molina H.: Visit. Past. 3 Jan. 1679 Kurja Arċiv.
2. Cocco Palmieri D.: Visit. Past. 20 Maii 1709 fol. 251 Kurja Arċiv.
3. Liber Esiti Ven. Lamp. N. 29 — Arkivju Parrokkjali.

HAL BALZAN GHANDU

QASSIS GDID

NHAR IL-20 TA' LULJU LI GHADDA, BHALA PARTI MILL-FESTI LI SARU FL-OKKAŻJONI TA' GHELUQ IL-HAMSIN SENA MILL-KONSAGRAZZJONI EPISKOPALI TA' L-ARĊISQOF MIKIEL GONZI, MONS. ARĊISQOF ORDNA 50 SAĊERDOT ĠDID. FOSTHOM KIEN HEMM DUN MATTEW MAGRI, ŻAGHŻUGH BALZANI, LI BHAL DAŻ-ŻMIEN SENA KONNA FRAHNIELU MINN FUQ DIN IL-GAZZETTA TAGHNA META ĠIE ORDNAT DJAKNU. DUN MATTEW IĊĊELEBRA L-EWWEL QUDDIESA SOLENNI TIEGHU FIL-PARROĊĊA TAL-LUNZJATA NHAR IL-HADD, 1 TA' SETTEMBRU, MAGHQUD MAL-ĠENITURI TIEGHU, HUTU, QRABATU, HBIEBU, U GHADD KBIR TA' BALZANIN LI MA NAQSUX LI JINGHAQDU MIEGHU F'DIN L-OKKAŻJONI TA' FERH GHALL-PARROĊĊA KOLLHA. AHNA F'ISEM IL-MEMBRI KOLLHA TAL-KUNSILL ĊIVIKU TA' HAL BALZAN, NERĠGHU NIFIRHULU U NTENNULU X-XEWQAT TAGHNA.

Dun Mattew, meta ħassejt fik is-sejħa għall-ħidma saċerdotali?

Is-sejħa għall-ħidma saċerdotali ma ħassejthiex fija minn tfuliti. Tant hu hekk li l-edukazzjoni sekondarja tiegħi ħadtha fil-Liċeo tal-Ħamrun, u hemmhekk ma kontx nistudja Latin, għax kont għażilt il-Franċiż. Imbagħad bdejt nirrejalizza li wasal iż-żmien biex niddeċiedi x'se nagħmel la nispiċċa l-iskola, u għalhekk tlabt lil Alla u 'l-Madonna biex idawluni ħuma. Darba kont qiegħed il-Liċeo u avviċinani wieħed minn sħabi, minn Ħal Lija, u qalli li ċertu qassis minn Ħal Lija, Dun Alfred Xuereb (illum Kappillan ta' Ħal Lija), xtaq ikellimni. Jiena mort għand Dun Alfred u dan staqsieni jekk kontx imħajjar nidħol saċerdot. Jien spjegajtlu kif kont għadni mħawwad fuq il-futur, u hu stedinni biex nibda nattendi l-korsijiet apposta biex igħinu 'l-individwu jagħraf x'irid Alla minnu. Taħt il-kura ta' Dun Alfred u anke ta' Dun Ġużepp Zammit li kien il-konfessur tiegħi, bdejt nara iktar ċar li Alla jridni qassis. Imbagħad tgħallimt il-Latin privatament għand il-Kanonku Carmelo Pirotta, u ġibt il-kwalifikazzjonijiet rikjesti mill-Università, u dħalt is-Seminarju.

Li kellek issemmi xi nies li kienu ta' għajnuna fl-għażla ta' l-istat tiegħek, jew li għenuk tul is-snin ta' formazzjoni fis-Seminarju, hemm xi ħadd speċjali li tista' ssemmih?

Kieku kelli nsemmi 'l dawk kollha li kkontribwew b'xi mod fil-vokazzjoni tiegħi nimla l-gazzetta kollha bl-ismijiet. Imma ma rridx ma nsemmix l-ewwel u qabel kollox lill-ġenituri tiegħi li bit-trobbija li tawni lestewli dispożizzjoni fertili fejn setgħet tikber sewwa ż-żerriegħa tal-vokazzjoni tiegħi. Imbagħad irrid insemmi wkoll lill-Kappillan tagħna, Dun Karm Sciberras, li tant ħa paċenzja bija u li tant għinni fil-bżonnijiet tiegħi bla interessi ta' xejn. Ma rridx inħalli barra lil

(jissokta f'paġna 2)

REAL LEATHER

BOOTS . . . SHOES . . . SANDALS . . .
BAGS . . . BELTS . . .

FANTASTIC COLOURS TO CHOOSE FROM AND MADE-TO-MEASURE (IN ANY SIZE)

Call at:

ZAMMIT LA ROSA — ATLAS LIMITED

ATLAS WORKS — Good Shepherd Avenue, Balzan

Telephone: 41082

toħroġ kull xahrejn mill-

KUNSILL ĊIVIKU — BALZAN

c/o Każin tal-Banda 'San Gabriel', Ħal Balzan.

Stampata fil-Lux Press Ħamrun.

Editorjal:

IL-FESTA TITULARI

Bħas-snin l-imgħoddija, fil-ħarġa ta' wara l-festa nagħtu titwila lejn il-festa li tkun għaddiet u naraw ftit kif imxew l-affarijiet u fl-istess ħin nagħmlu xi suġġerimenti li naħsbu jistgħu jiswew ta' ġid.

Ħadd ma jista' jiċħad li l-festa kienet suċċess kbir. Il-Balzanin urew din is-sena wkoll kemm il-festa ta' l-Annunzjata hija għażiża għalihom u kemm huma jridu jkabbruha minn sena għal oħra. Hekk li, nistgħu ngħidu, din is-sena kienet waħda mill-festi titulari kbar li ma tagħmilx għajb lill-festi l-imgħoddija.

Il-festi solenni li saru fil-knisja saru bil-puntwalità u l-eżattezza ta' snin oħra. Il-qniepen sbieħ tagħna kienu jinstemgħu sa minn kmieni, f'mota wara l-oħra, isejħu 'l-fidili għall-funzjonijiet reliġjużi, u l-mużika tas-Surmastrijiet Nani, taħt it-tmexxija tas-Surmast Abel Calleja, instemgħet għal darb'oħra tidwi u tfawwar il-qlub ta' dawk li attendew it-tridijiet. Il-Balzanin ferħu wkoll bid-dehra ġdida tal-Kor miżbugħ u nduratt ġdid u lkoll xtaqu li ma jdumx ma jissokta x-xogħol fil-bqija tal-Knisja. Tal-festi interni f'ġieħ Marija Annunzjata ħaqqhom prosit il-kappillan ħabrieki u l-kleru kollu tal-Parroċċa — b'mod speċjali l-viċi Dun Ġwann Zammit Hammet, qassis Balzani, li kulħadd jaf bit-tħabrik tiegħu għall-attivitajiet kollha tal-Parroċċa u bil-ħidma siewja tiegħu b'risq il-morda li ta' kuljum joħroġ iqarbinhom fi djarhom — is-sagristan, u dawk kollha li jgħinuh fl-armar tal-Knisja.

Aħna ħadna pjaċir ukoll li s-suġġeriment li konna għamilna s-sena li għaddiet, jiġifieri li ssir xi ċelebrazzjoni speċjali t-Tnejn u t-Tlieta tal-festa biex b'hekk ikollna ġimgħa festi, għalkemm ma twettaqx din is-sena, ingħata l-kunsiderazzjoni tal-kappillan li assigurana li beħsiebu jintroduċi xi ħaġa simili fil-festa tas-sena d-dieħla.

Dwar il-festi ta' barra, ngħidu prosit kbir lill-kumitati taż-żewġ każini li jieħdu ħsieb il-festa — il-Każin tal-Banda 'San Gabriel' u l-Każin 'Marija Annunzjata'. Dawn din is-sena tawna żewġ settijiet pavaljuni tabilħaqq sbieħ li qalgħu t-tifħir mhux tal-Balzanin biss imma ta' dawk kollha li żaru r-raħal tagħna fil-jiem tal-festa. Kien fiha tabilħaqq għaxqa t-Triq il-Kbira, sew in-naħa t'isfel kif ukoll in-naħa ta' fuq, armata b'dawk it-tmintax-il pavaljun li tawha dehra rikka li ftit tara bħalha.

Bħala ħaġa ġdida li saret għall-ewwel darba din is-sena, għoġobna ħafna l-marċ ta' l-aħħar mill-banda tar-raħal li sar wara d-dħul tal-purċissjoni. Kien marċ brijuż li ġibed tista' tgħid il-Balzanin kollha u għadd kbir ta' nies mill-irħula tal-qrib, barra li kien tista' tgħid l-uniku waqt ta' divertiment fil-festa kollha għad-dilettanti tan-nar. Nittamaw li għas-snin li ġejjin dan il-marċ jibqa' jsir.

Kelma ta' tifħir ngħiduha wkoll lid-dilettanti tan-nar li rsistew ħafna biex jagħtuna xi ħaġa sabiħ u meqjus. Forsi x-xogħol tagħhom ftit seta' jiġi apprezzat minħabba li nħaraq mill-bogħod. Ta' min jistudja ftit għas-snin li ġejjin hux possibbli li n-nar jinħaraq aktar qrib ir-raħal biex hekk ikun jista' jitgawda minn kulħadd.

Fl-aħħarnett inħeġġu lill-Balzanin kollha sabiex iħobbu u jgħożżu dejjem aktar il-festa ta' Marija Annunzjata, u jgħinu sabiex ikollimkien inkabbruha mill-aħjar li nistgħu. Ma ninsewx kemm kienet għal qalb missirijietna. Ma nagħmlulhomx għajb, imma nagħmlu ħilitna kollha sabiex lill-Madonna nagħmlulha festa kif tabilħaqq jixirqilha.

IR-RABA' SENA

Fraħna ħafna bil-laqgħa tajba li kellha l-ħarġa speċjali tal-gazzetta tagħna li ppubblikajna fil-festa. Intlaqgħet tajjeb kemm mill-Balzanin kif ukoll minn nies oħra minn barra r-raħal li ġew jifirħu magħna fil-jiem tal-festa u li ġiet f'idejhom il-gazzetta. Ħafna Balzanin urew ix-xewqa li l-gazzetta nibqgħu noħorġuha bi tmiem paġni kull xahrejn. Iżda, bħa'ma tistgħu tobsru, ħaġa bħal din ftit hija possibbli l-aktar minħabba l-ispiża doppja li nkunu neħtieġu. Għalina biżżejjed dawn l-erba' paġni li bihom ningħaqdu magħkom kull xahrejn u nwasslulkom l-aħbarijiet tar-raħal u mbagħad f'kull festa titulari noħorġu dak il-għadd speċjali b'aktar paġni.

Huwa ta' ferħ ukoll il-fatt li b'din il-ħarġa dħalna firraba' sena tagħna. Dan ifisser li ilna tliet snin sħaħ noħorġu din il-gazzetta u nagħmlu mill-aħjar li nistgħu biex inżewquha b'materjal siewi u li jagħti gost u jgħallem lill-qarrejja tagħna. Iltqajna ma' ħafna nies li għamlulna l-kuraġġ u ltqajna ma' oħrajn li ma fehmuniex. Jaħsbu li kull ma jiġri fir-raħal għandu jsib postu fil-gazzetta u li xejn m'għandu jaħarbilna minn dak kollu li jiġri madwarna.

Għalhekk nixtiequ nagħmluha ċara ma' kulħadd, l-aktar l-għaqdiet reliġjużi u l-każini, li dak kollu li jidher fuq xi għaqda jew każin partikulari dan jidher fuq inizjattiva ta' xi membru ta' dik l-għaqda jew każin li jkun ħa interess u kiteb xi ħaġa hu jew għarraf biha lill-Bord Editorjali. Huwa dmir tal-għaqdiet u tal-każini kif ukoll tal-Balzanin kollha li, jekk għandhom interess fil-gazzetta, igħarrfuna bl-attivitajiet tagħhom jew b'xi aħbar tajba għall-pubblikazzjoni.

QASSIS ĠDID

(jaqbad ma' paġna 1)

Dun Alfred Xuereb li, kif għedt qabel, kien hu li wrieni kif niskopri s-sejħa tiegħi. Saċerdot ieħor li tani kontribut kbir fl-iżvilupp tal-vokazzjoni tiegħi matul il-kors tiegħi fis-Seminarju hu Patri Victor Xuereb, Ġiżwita, li għal tmien snin sħaħ kien il-konfessur tiegħi. Fl-aħħar imma mhux l-anqas, insemmi lill-membri tas-Soċjetà tal-Museum, speċjalment lis-Superjur Victor Delicata, li b'tant paċenzja għallmuni nkun ħabib ta' Kristu tul il-jiem kollha ta' ħajti.

Meta Mons. Arċisqof bagħtek bħala Viċi fil-Kolleġġjata ta' San Pawl tal-Belt, x'kienet ir-reazzjoni tiegħek?

Kienet ix-xewqa tiegħi li niġi naħdem Ħal Balzan, l-ewwel nett għax jien twelidt Ħal Balzan, u t-tieni għax naf tajjeb l-ambjent, in-nies, u l-istruttura kollha tal-Parroċċa tagħna, u kien ikun iktar faċli għalija li nibda naħdem f'ambjent tant familjari għalija. Naf ċert li l-Kappillan tagħna ħadem ħafna biex jien niġi hawn, u min-naħa tiegħi għamilt dak kollu li stajt biex nibqa' fil-Parroċċa tiegħi. Imma fl-aħħar mill-aħħar hu l-Arċisqof li jiddeċiedi, u jien marbut li nobdi u li mmur fejn jibgħatni hu. Biss jien m'għandix qalbi maqtugħa għal kollox u nittama li, meta ċ-ċirkustanzi jkunu jippermettu, jien niġi naħdem fil-Parroċċa tiegħi.



DUN MATTEW MAGRI

X'se tkun il-ħidma tiegħek bħala Viċi Parroku?

Bħall-viċijiet l-oħra, ix-xogħol tiegħi huwa purament pastorali. Fil-għodu nqaddes tal-ħin, imbagħad immur fl-Uffiċċju Parrokkjali biex naqdi l-ħtiġijiet tan-nies. Filgħaxija mbagħad inkun il-Knisja għas-servizz liturġiku. Jien se nkun noqgħod hemmhekk, fid-dar ta' ħdejn il-knisja, u nagħmel ġimgħa norqod hemmhekk u ġimgħa norqod Ħal Balzan. Filġimgħa ta' bil-lejl inkun dejjem ippreparat biex jekk tinqala' xi assistenza jsibuni dejjem dispost għalihom.

Kif taraha l-missjoni tas-saċerdot fid-dinja tal-lum?

Il-funzjoni tal-qassis hi dak ta' Medjatur, li jidħol bejn Alla u l-bniedem u jqarribhom lejn xulxin permezz tas-Sagramenti u l-Liturġija u permezz tal-Kelma. Fid-dinja tal-lum, il-bniedem tant għamel progress, speċjalment fil-qasam xjentifiku, li sar jafda wisq fuq il-kapaċitajiet umani tiegħu u qed iwarrab 'l Alla fil-ġenb. Għalhekk illum, aktar minn qabel, il-funzjoni tal-qassis hi essenzjali daqs kemm hi iebsa. Anke jekk xi sezzjoni tas-soċjetà moderna ma taċċettax lill-qassis fostha, oġġettivament jibqa' l-fatt li l-qassis hu essenzjali.

Għandek xi kelma speċjali li tixtieq tgħidha lill-Balzanin f'din l-okkażjoni?

Il-kelma tiegħi hi kelma ta' kuraġġ. Il-ħajja tagħna mhix dejjem sabiħa imma mħallta bl-ikrah. Problemi jkollna ħafna, u dawn nissuperawhom biss bl-għajnuna t'Alla. Inwegħidkom li dejjem nitlob għalikom, u ma tkunux tagħmlu ħażin jekk intom ukoll titolbu għalija biex Alla jkompli jagħtini ħafna qdusija u ħafna xogħol fil-qasam tiegħu. Irrid ukoll qabel nagħlaq niehu l-okkażjoni biex nirringrazzja lill-Balzanin kollha talli qasmu miegħi l-ferħ tal-festa ta' l-Ewwel Quddiesa tiegħi. Nirringrazzja b'mod speċjali lil dawk li ħadmu miegħi fil-qrib biex il-festa tirnexxi.

Nirringrazzjaw lil Dun Mattew Magri talli għogbu jwieġeb għall-mistoqsijiet li għamilnielu u nwegħduh li nitolbu għalih.

ITTRI LILL-EDITUR

"INNU GĦAL NHAR IL-LUNZJATA" TA' DUN KARM

Sur Editur,

Ħassejtni fid-dmir li nkompli nikteb fuq dak li kiteb is-Sur Ġorġ Borg dwar l-"Innu għal Nhar il-Lunzjata" ta' Dun Karm fil-Ħarġa Speċjali tal-gazzetta ĦAL BALZAN.

Nibda biex ngħid li hemm Balzanin li jafu b'dan l-Innu sabiħ u kellhom ix-xorti li jkantawh ukoll mal-Banda 'Duke of Connought' ta' Birkirkara, lejlet il-festa ta' Marija Annunzjata li kienet saret fit-28 ta' April 1946.

Il-papà tiegħi (Luigi Briffa RIP) dejjem kien bix-xewqa li għall-festa għażiża tagħna jkollna Innu biex jitkanta għall-festa; għalhekk minn flusu ħabrek u stinka biex dan seta' jsir, u għalhekk propriju għażel dan l-Innu sabiħ tal-Madonna miktub minn Dun Karm. Qabbad lis-Surmast Carmelo Schembri (RIP) minn Birkirkara, li kien organista tal-Parroċċa tagħna, biex jikkomponi l-mużika għalih. Wara mar l-iskejjel tal-Gvern fejn għażel xi 50 tifel u tifla bejn id-disa' u t-tnax-il sena għall-kor. Is-Sinjorina Rosie Galea b'paċenzja kbira kienet għallmet lil dawn it-tfal biex ikantawh mal-banda.

Imbagħad il-ġurnata tant mistennija waslet, għax fis-27 ta' April, lejlet il-festa, konna kantajnieh mal-Banda 'Duke of Connought', taħt id-direzzjoni tas-Surmast Aquilina, fil-Pjazza ta' Ħal Balzan, flimkien mat-tenur is-Sur Harrison u l-baxx is-Sur Carmelo Kirkop. Kantajnieh mal-Banda ta' Birkirkara peress li l-Banda tar-raħal tagħna kienet għadha ma twaqqfitx. Huwa stampa wkoll kwantità kbira ta' sunetti ta' dan l-Innu.

U hekk il-Balzanin kellhom ix-xorti għall-ewwel darba jisimgħu u jitpaxxew bil-ħlewwa tal-kliem u tal-mużika ta' dan l-Innu lil Marija Annunzjata.

L. MUSCAT.

Ibagħtu l-kitbiet, l-ideat u s-suġġerimenti tagħkom f'dan l-indirizz:

Bord Editorjali

'Ħal Balzan',
c/o Każin tal-Banda 'San Gabriel',
Ħal Balzan

"YOUTH CENTRE"

Wara li dehru l-korrispondenza fin-Nru. 17 u Nru. 18 tal-gazzetta ta' Ħal Balzan dwar il-'Youth Centre' nixtiequ ninfurmaw lill-qarrejja illi saret laqgħa bejn il-Bord Editorjali u d-diriġenti tal-'Youth Centre' fejn ġew klarifikati l-punti li tqajmu. Iż-żewġ naħat qablu li l-allegazzjonijiet li saru ma kenux serji jew intenzjonati li jitfgħu xi dell oskur fuq id-diriġenti u l-membri tal-'Balzan Youth Centre'.

Għalhekk din il-korrispondenza issa ġiet magħluqa.

C. Bezzina
G. Borg
A. Fenech
V. Muscat

(Saċ) G. Zammit Hammet
Direttur Spiritwali
P. Licari (Pres. B.Y.C.)
S. Minuti (Seg.)
G. Axisa

ARS VITREA

Prop: JOSEPH LICARI

MANUFACTURERS OF MIRRORS

ENGRAVERS AND SAND BLASTERS ON GLASS

BEVELLERS AND POLISHERS OF GLASS

245, FLEUR DE LYS ROAD, BIRKIRKARA

Telehone: 40323 Cables: Jolica-Malta

HSIEB SPIRITWALI:

ILBIES

F'kull soċjeta' ċivilizzata dawk li jagħmlu sehem minnha jridu jħarsu ċerti regoli u josservaw xi prinċipji li jirrendu s-soċjeta' tajba biex wieħed igħix fiha u jieħu minnha l-akbar vantaġġ għalih u għall-familja. Meta din is-soċjeta' tkun nisranija jiżdiedu mal-prinċipji u r-regoli li semmejna oħrajn li jaqblu mal-'mod' ta' ħajja nisranija li jrid jidher f'dik is-soċjeta'.

Fost ir-regoli u l-prinċipji li jagħmlu s-soċjeta' dak li hija, hemm il-mod ta' kif jilbsu l-membri tagħha. L-ilbies kien fiż-żminijiet kollha waħda mill-affarijiet li kellha importanza kbira fis-soċjeta', u, aktar ma pajjiż ikun mexa 'l quddiem fiċ-ċiviltà tiegħu, aktar u aktar in-nies ta' dak il-pajjiż kienu jfittxu li jesprimu fl-ilbies tagħhom il-grad taċ-ċiviltà tagħhom. Infatti, aħna mdorrijin naraw bl-anqas il-bies fuqhom dawk in-nies, dawk il-popli, li huma l-anqas ċivilizzati, u f'moħħna ngħaqqdu n-nuqqas ta' lbies man-nuqqas taċ-ċivilizzazzjoni ta' poplu.

Jekk nimxu b'dan il-prinċipju, nistgħu ngħidu li fi żmienna ċ-ċiviltà sejra lura, għaliex minn sena għal oħra nisternew u naraw, l-aktar fis-sajf, in-nies inaqqsu dejjem aktar is-satra tal-persuna tagħhom. Moda? Jista' jkun. Imma allura moda li qiegħda tbaxxi l-livell taċ-ċiviltà tagħna. U xi ngħidu meta nqisu li aħna għandna biex imexxuna prinċipji u regoli oħrajn bħala poplu nisrani? Jew fi żmienna ma għadu jgħodd xejn il-fatt li aħna nsara? Jista' jkun ukoll li, biex ma jgħadduniex ta' nies 'li għadhom lura', inkunu lesti li nikkupjaw, li nixximjottaw (nimitaw bħaxxadini), lil min ma għandux stima lejn it-twemmin, jew li ma għandu ebda twemmin. Għadu, jew ma għadux, jgħodd għalina l-kliem ta' l-Appostlu Missierna: "Ma tafux li ġisimkom huwa tempju ta' l-Ispirtu s-Santu, li jgħix fikom"?

Punt ieħor ta' min isemmih huwa l-ilbies għall-Knisja. Illum kulħadd jagħmel l-ilbies skond l-okkażjoni — altru tilbes għad-dar, altru għal barra; tilbes mod għal tieġ filgħodu, u mod għal filgħaxija; taddatta ruħek mod għal okkażjoni f'ħin, u differenti wara ċertu ħin. Dan kollu tajjeb. Allura ma aħniex kapaċi nżidu wkoll li għandek tilbes mod għat-triq, u jkollok ilbies deċenti għall-knisja? Fil-katalgi tal-moda għalxejn infittxu l-ilbies adatt għall-knisja, għaliex dan ma jinteressa bl-ebda mod lil min joħroġ il-moda. Ma ninsewx li għal min ma għandux twemmin, il-Knisja ma għadiex moda, hija ħaġa ta' l-imgħoddi. Dawk il-Maltin li jaħsbu bħal dawn in-nies li qiegħed insemmi, affari tagħhom. Issa żmien il-liberta' u tal-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem. Imma niftakru li, minbarra d-drittijiet tiegħek, hemm ukoll id-drittijiet ta' ħaddieħor, u ħaddieħor għandu, fost id-drittijiet tiegħu, li ma jiġix skandalizzat. Niftakru li, minbarra d-drittijiet tal-bniedem, hemm ukoll għan-nisrani d-drittijiet ta' Alla, li miegħu fl-aħħar irridu nagħmlu l-kontijiet.

Il-Kappillan.

MILL-UFFICCJU PARROKKJALI

Nifirħu bil-membri ġodda tal-Parroċċa li saru ħutna fi Kristu bil-Magħmudija:

Joanne Tabone, bint Michael u Rita, fis-7 ta' Ġunju.
Claire Borg, bint Louis u Nikolina, fit-12 ta' Ġunju.
Christine Xuereb, bint Paul u Connie, fit-13 ta' Ġunju.
Kevin Buttigieg, bin Angelo u Carmen, fit-18 ta' Ġunju.
Bridget Tonna, bint Anthony u Carmen, fid-29 ta' Ġunju.
Stefano Lucia, bin Ettore LL.D. u Doris, fit-3 ta' Lulju.
William Bonello, bin Joseph u Doris, fl-4 ta' Lulju.
Martin-Carl Galea, bin Xavier u Rose, fl-24 ta' Lulju.
Mark Cassola, bin John u Christine, fid-29 ta' Lulju.
Eusebio Aquilina, bin Victor u Pauline, fit-2 ta' Awwissu.

Nilqgħu fostna lil dawn il-familji ġodda tal-Parroċċa tagħna:

Joseph Said u Julie Brincat, fit-18 ta' Lulju.
Alfred Galea u Emily Farrugia, fis-27 ta' Lulju.

Nitolbu għal ħutna li għaddew għall-ħajja ta' bla tmiem:

Edward Muscat, fit-23 ta' Ġunju.
Antonia Brincat, fit-23 ta' Ġunju.
Suor M. Gomello, FMM, fis-7 ta' Lulju.
Erminia Giordano, fit-2 ta' Awwissu.

FOR
WHITER
WASH
SPEL

SETT PAVALJUNI U KURUNA GDIDA FI TRIQ IL-KBIRA

GĦALL-FESTA TITULARI LI SARET DIN IS-SENA F'ĦAL BALZAN BEJN IS-7 U L-14 TA' LULJU, IL-KAŻIN 'MARIJA ANNUNZJATA' ŻANŻAN SETT TA' PAVALJUNI LI NTRAMAW FI TRIQ IL-KBIRA MILL-KNISJA PARROKKJALI 'L ISFEL KOMPLITA WKOLL B'KURUNA GĦALL-OKKAŻJONI. DAWN L-OPRI ARTISTIĊI SEBBĦU T-TRIQ, TANT LI GĦOĠBU LIL KULL MIN RAHOM. AĦNA KELLIMNA LIS-SUR CHARLES CHETCUTI, SEGRETARJU TAS-SOĊJETA' 'MARIJA ANNUNZJATA'.

Meta beda l-ħsieb li tagħmlu dan is-sett ta' Pavaljuni ġodda?

Jiena, bħala dilettant tal-festa sa minn ċkuniti, ħassejt il-bżonn li nagħmlu xi ħaġa ġdida għat-tiżjin tal-festa; però mhux għalkemm taqbad u tagħmel dak li jiġi f'moħħok għax jidħlu ħafna kumplikazzjonijiet. Fil-festa tagħna dejjem ikollna xi qtugħ il-qalb minħabba t-temp għax daqqa jkun ir-riħ u oħra x-xita. Minħabba f'hekk x'aktarx li ġietni l-idea li nagħmel xi ħaġa tad-drapp u mill-ewwel ikkonsultajt mal-President, is-Sur Pawlu Grima, dwar l-idea li kelli. Huwa malajr qabel miegħi u għalhekk ressaqna l-proposta tagħna quddiem il-kumitat li tana l-approvazzjoni tiegħu. Fl-istess ħin, wieħed irid iħares ukoll lejn kemm xogħol jinħtieġ biex jiġi organizzat il-programm tal-festa, peress li s-Soċjetà tagħna, jiġifieri l-Każin 'Marija Annunzjata', għandha r-responsabiltà tarma n-naħa t'isfel ta' Ħal Balzan kollu. Iridu jintramaw l-antarjoli, id-dawl, il-pilandri, il-kuruna, u issa wkoll id-drapp tal-pavaljuni b'żieda mal-bandalori. Wieħed irid jieħu ħsieb il-marċijiet li l-Każin tagħna jorganizza, kif ukoll il-programmi li jsiru mill-baned nhar il-Ġimgħa, is-Sibt u l-Ħadd filgħodu u wara nofs inhar. Bħalma jaf kulħadd, dawn jinvolvu ħafna spejjeż però bil-għajnuna tal-Madonna dawn il-programmi ġew imwettqa u mħallsa.

Min ħa ħsieb id-disinn ta' dawn il-Pavaljuni u min ġietu l-idea sabiħa li fuq il-pavaljuni jitniżżlu xi siltiet mill-Vanġelu li għandhom x'jaqsmu ma' l-Annunzjazzjoni tal-Madonna?

Peress li kont naf li l-President tagħna, is-Sur Pawlu Grima, kien student ta' l-Arti fis-Soċjetà ta' l-Arti, Manifattura u Kummerċ, jien tlabtu biex jagħmlilna disinn għall-pavaljuni. Huwa tant ħassu sodisfatt li l-kumitat talbu jagħmel disinn komplet biex jiġi armat fit-Triq il-Kbira.

Kulħadd jaf li qabel kienu saru l-bandalori fuq disinn u pittura tal-President stess. Dawn kienu nħietu mis-Sur Ġużeppi Falzon. Il-bandalori jispjegaw l-armi tal-Purezza tal-Madonna u 'Nome di Maria' b'tul ta' tlettax-il pied u wisa' ta' sitt piedi.

Huwa ħa ħsieb li jqabbel id-disinn u kulur tal-pavaljuni l-ġodda ma' dak tal-bandalori. Wieħed għandu jinnota li kull pavaljun fih silta mill-Vanġelu li għandha x'taqsam ma' l-Annunzjazzjoni. Dawn il-versi ġew mitluba lill-Wisq Rev. Kan. Dun Karm Sciberras, Kappillan tal-Parroċċa,fuq l-idea tal-President.

Kemm dam sejjer ix-xogħol fuq dawn il-pavaljuni?

Fuq dawn il-pavaljuni x-xogħol dam sejjer madwar erba' xhur.

Tista' ssemmi xi nies li ħadmu jew għenu fix-xogħol ta' dina l-opra sabiħa?

Għal dan ix-xogħol ta' dina l-opra hekk sabiħa daħal il-President stess, biex id-disinn ikun komplit u maħdum taħt l-istess idejn u għajnejn. Sabiex veramament tirnexxi huwa kellu jissagrifika l-ħin liberu tiegħu, għax kif kulħadd jaf fejn jidħol ix-xogħol tal-festa għalih jiġi l-ewwel u qabel kollox. Aħna xtrajna d-drapp u huwa beda x-xogħol. Is-Sur Grima l-ewwel beda jimmudella erba' mitt biċċa, imbagħad fassalhom, u wara li xellilhom għal darbtejn, qabad lis-sinjura tiegħu stess biex tgħaddihom bil-magna. Meta beda jara ż-żmien dieħel u beda jintrass, beża' li mhux se jlaħħaqhom kollha, allura huwa talab l-għajnuna tas-Sinjura Elvira Delicata, li hija ġara tiegħu.

(*jissokta f'paġna 4*)

ROKNA GĦAT-TFAL

Għeżież tfal,

Il-vaganzi waslu biex jispiċċaw u mill-ġdid kull wieħed u waħda minnkom terġgħu tibdew l-iskola. Żgur li l-vaganzi gawdejtuhom mill-aħjar li stajtu u strieħajtu biżżejjed.

Issa wasal iż-żmien li tibdew l-istudju mill-ġdid. Qisu li tkunu bravi u tagħmlu kollox f'ħinu u f'waqtu; ħin il-mistrieħ tistrieħu u ħin l-istudju tistudjaw.

Tfal bravi ma jiddejqux meta tibda l-iskola, anzi kollhom ferħana tarahom sejrin bil-basket f'idejhom biex jibdew sena ġdida li għalihom tfisser sena xogħol.

Ta' kull sena, l-ewwel ta' l-iskola tibda b'quddiesa u tqarbina għat-tfal kollha. Din issir biex it-tfal jitolbu 'l Alla sabiex igħinhom fl-istudji tagħhom u biex jifhmu li mingħajr l-għajnuna tiegħu ma jistgħu jagħmlu xejn.

Għalhekk, għeżież tfal, qisu li din is-sena tistudjaw ħafna. Tagħmlux ħbieb ma' dawk it-tfal għażżenin li qatt ma jagħmlu l-homeworks tagħhom. Oqogħdu ferm attenti fil-ħin tal-lezzjonijiet u obdu dejjem is-surmastrijiet tagħkom.

Vaganzi oħra jerġgħu jaslu u jekk tkunu studjajtu tgawduhom ferm aktar minn dawk li jkunu tgħażżnu u baqgħu lura.

KOMPETIZZJONI BIL-PREMJU

Tfal,

Wasalna għat-tlettax-il kompetizzjoni tagħkom. Dan ifisser li dħalna fit-tielet sena minn mindu bdejna nħejjulkom il-kompetizzjoni, billi għamilnielkom l-ewwel waħda fil-ħarġa tal-gazzetta Nru. 7 ta' Settembru/Ottubru 1972, u li issa din il-gazzetta tagħna daħlet fir-raba' sena. Dan ma jfissirx li intom it-tfal ma kontux fi ħsiebna mill-ewwel. Le, xejn minn dan. Ma bdejniex nagħmlulkom il-kompetizzjoni tagħkom mill-ewwel ħarġa minħabba ċirkustanzi li ma kellniex kontroll fuqhom.

Matul iż-żmien li ilna naħsbu fikom, kien hemm bosta drabi li nkoraġġejtuna bil-konkorrenza sabiħa tagħkom, iżda kien hemm oħrajn li kważi mewwittulna qalbna għal kollox hekk li bdejna naħsbuha nkomplux nippreparaw il-kompetizzjoni għalikom. Tfal, tħalluniex naslu għal dan. Interessaw ruħkom fil-gazzetta u ħudu sehem f'kull kompetizzjoni li nagħmlulkom.

Il-kompetizzjoni ta' din id-darba naħseb li togħġobkom ilkoll. Din id-darba wkoll hejjejnielkom disinn imma mhux biex tagħmlulu l-kuluri bħad-darbtejn l-oħra. Mela x'se tagħmlu? Qegħdin taraw ħafna biċċiet minn disinn. Aqtgħu dawn il-biċċiet u waħħluhom fuq karta. Meta tkunu waħħaltu l-biċċiet kollha ssibu disinn ta' ċinja (swan) sabiħa, bħal dawk li għandna fil-vaski ta' San Anton. Billi l-kompetizzjoni qiegħda fuq karta separata, jekk tkunu tridu iżjed itolbu lil min iqassmilkom il-gazzetta. Bħas-soltu ibagħtu d-disinn tagħkom f'envelop magħluq u ndirizzawh lill-Każin tal-Banda 'San Gabriel', jew impustawh intom stess fil-'letterbox' ta' l-istess każin. Għandkom żmien sa nhar is-Sibt, 28 ta' Settembru, 1974.

Ir-rebbieħa tal-kompetizzjoni ta' l-Arma ta' Ħal Balzan hi Charlotte Licari, li toqgħod "Fredville", Triq il-Wied, Ħal Balzan.

Il-premju tar-ritratt tal-Vara ta' l-Annunzjata nieħdu ħsieb nibagħtuhulha.

APPREZZAMENT

WIĠI BRIFFA

Xi drabi meta wieħed jixtieq jesprimi dak li jkun qed iħoss ma jirnexxilux isib kliem adattat biżżejjed biex jesprimih kif inħu xieraq. F'din il-qagħda nħossni bħalissa filwaqt li qed nikteb dan l-apprezzament fuq il-kollega tiegħi s-Sur Luigi Briffa, jew aħjar is-Sur Wiġ, li għadda għall-mistrieħ ta' dejjem nhar it-Tnejn 9 ta' Ġunju 1974 fl-Isptar Santa Katerina, fl-għomor ta' 84 sena.

Is-Sur Wiġ kien raġel eżemplari. Kien eżatt u ta' kuxjenza retta fi kwalunkwe ħaġa li kien jidħol għaliha. Kien raġel fabbli, ta' natural ħelu, jitħabbeb ma' kulħadd, u fuq kollox kien dedikat għall-familja tiegħu. Kien iħobb ħafna l-funzjonijiet tal-knisja li għalihom kien jattendi regolarment sakemm in-natura fiżika tiegħu ppermettietlu.


WIĠI BRIFFA

Fix-xogħol tiegħu bħala għalliem fl-iskejjel primarji tad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni, dejjem qeda dmiru mill-aħjar li seta'. Hu kien jinteressa ruħu ferm għall-ġid tat-tfal li kienu minn sena għal oħra jiġu taħt il-kura tiegħu. Bosta u bosta huma dawk it-tfal li għaddew 'il quddiem fl-istudji tagħhom bix-xogħol siewi tiegħu. Dan jixhduh ħafna mit-tfal tat-tliet irħula, kif ukoll ħafna oħrajn minn Birkirkara fejn għadda ħafna mill-aħħar snin tal-karriera tiegħu qabel ma rtira biex igawdi l-mistrieħ li kien jistħoqqlu.

Bħala Balzani, huwa ħadem kemm felaħ għall-ġid ta' raħal twelidu. Is-Sur Wiġ kien għal bosta snin membru ferm attiv fil-Każin 'Marija Annunzjata', fejn huwa okkupa diversi karigi. Huwa kellu parti ferm attiva fil-ġbir ta' sett qniepen li kien inġieb mid-ditta "Paccard" f'Annecy fi Franza fis-sena 1925. Min-barra s-sehem li kien ta fil-ġbir normali li kien isir fir-raħal, lis-Sur Wiġ insibuh iħabrek flimkien mal-membri tal-kumitat li kien twaqqaf għalhekk sabiex jorganizzaw fieri f'postijiet bħall-Argotti u postijiet pubbliċi bħal dawn biex iżidu l-fondi għall-qniepen il-ġodda.

Kien ukoll Segretarju tax-Xirka ta' l-Isem Imqaddes t'Alla tal-Parroċċa, u kien ukoll fil-kumitat tal-pittura u kien jokkupa l-kariga ta' segretarju, u baqa' jokkupa din il-kariga sakemm dan il-kumitat baqa' jiffunzjona. Kien ukoll jinteressa ruħu, ta' veru Balzani li kien, fil-festa ta' Marija Santissma Annunzjata, sew bħala wieħed mill-kumitat tal-Każin li semmejt kif ukoll bħala ndividwu denn tar-raħal tiegħu. Hu kien isib l-għaxqa tiegħu meta fil-ġranet tal-festa kien isib ruħu fit-tempju mqaddes tagħna biex joffri l-għajnuna tiegħu ħalli jintrama' l-armar li jintuża fil-ġranet tal-festa. Mhux biss fl-armar kien joffri l-għajnuna tiegħu iżda wkoll fiż-żarmar biex dak li jkun ħareġ fil-festa kien isib postu u jintrefa' għas-sena ta' wara.


Is-Sur Wiġ kien ukoll benefattur tal-knisja. Hu kien għamel kwadru ta' San Ġuda Taddeo u kien lest li jagħmillu fundazzjoni, imma minħabba xi raġuni jew oħra dan il-kwadru ma kienx sab postu fil-knisja u issa li kien ġie l-permess li jitpoġġa lis-Sur Wiġ insibuh fl-aħħar jiem ta' ħajtu u nkapaċi biex jara x-xewqa tiegħu titwettaq.

Is-Sur Wiġ ħalliena biex imur jieħu l-premju minn għand il-Ħallieq tiegħu. Fadlilna biss il-memorja tiegħu li tibqa' ħajja magħna għal żmien twil. Aħna min-naħa tagħna ma baqgħalniex ħaġ' oħra ħlief li nibqgħu nżommu ħajja fina din il-memorja tiegħu u li nitolbu biex Alla jagħtih il-mistrieħ ta' dejjem, filwaqt li nagħtu l-għomor lil bintu Lina flimkien ma' żewġha Ġużi, u ż-żewġ uliedhom Raymond u Mario u lil qrabatu kollha.

Valentino Muscat.

Inroddu ħajr lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor igħinu fil-pubblikazzjoni ta' din il-gazzetta, u wkoll lil dawk li b'sabar kbir iqassmuha fid-djar ta' Ħal Balzan.

SETT PAVALJUNI ĠODDA



(*jaqbad minn paġna 3*)

biex b'hekk ikun jista' jlaħħaq jippitturahom; għax bħal ma rajtu intom biex ipittirhom kollha kellu biċċa xogħol iebsa l-aktar fl-isfumar ta' l-istilel, bil-blu ġol-abjad, id-dellijiet fuq l-isfar bl-iswed u l-kannella, u dawk il-versi li jitkellmu fuq il-Madonna, li ġew ippitturati minn kull naħa b'sengħa kbira u li jinqraw minn kull naħa bis-sewwa. B'hekk il-preġju ta' kull pavaljun spikka billi kull min rahom induna li x-xogħol tal-pittura kien maħdum preċiż kemm jista' jkun għax diffiċli biex tagħraf fejn hu s-sewwa u fejn hu l-maqlub.

Naħseb li l-Balzanin u dawk kollha li ġew għall-festa tagħna għoġbithom ħafna t-Triq il-Kbira armata b'dawn it-tmien Pavaljuni. Għandek xi ħaġa x'tgħidilna dwar dan?

Jiena persważ li l-Balzanin u dawk kollha li ġew għall-festa tagħna għoġbithom ħafna t-Triq il-Kbira b'dawn is-sett pavaljuni għal bosta raġunijiet. L-ewwel għax il-Balzanin rawhom b'sorpriża peress li ma semmejna xejn dwarhom għax bżajna li ma konniex sa nlestuhom kollha u jiena xtaqt li meta jiżżanżnu jkunu kompliti minn kollox. It-tieni għax aħna konna konvinti mix-xogħol li kien qiegħed jagħmel il-President tant li meta aħna armajniehom, kemm il-Balzanin kif ukoll il-barranin bdew ifaħħruhom u jagħtuna l-prosit għall-opra tant artistika u sabiħa. Kulħadd innota li l-pavaljuni qablu fil-kulur u fid-disinn mal-bandalori, kif ukoll mal-kuruna li ġiet maħduma mid-dilettanti. Din firdet is-sett pavaljuni u b'hekk kompliet għaqdet it-Triq il-Kbira ma' Triq il-Providenza.

Jiena, bħala segretarju, il-president, il-kumitat u l-membri kollha tas-Soċjetà 'Marija Annunzjata', inħossuna grati lejn kulħadd għall-apprezzament ta' dawn l-opri hekk sbieħ li għamilna għas-Soċjetà u għal Ħal Balzan.

Dwar il-flus għal din il-biċċa xogħol, tista' ssemmilna xi benefatturi li għenukom finanzjarjament?

Dwar il-flus għal din il-biċċa xogħol aħna ma ġbarniex, peress li kellna f'idejna s-somma ta' £M60, miġbura mill-każin permezz ta' tombli li jiena kont norganizza mas-Sur Lino Ciappara u s-Sur Sunny Mallia u b'hekk kellna biex nibdew. Għall-kumplament tal-flus, aħna ttamajna li niġbruhom minn xi individwi. Il-Madonna kienet ħanina magħna għax meta armajniehom sibna benefatturi li tawna xi għajnuna, fosthom il-Kappillan li tana s-somma sabiħa ta' għaxar liri. Il-Benefatturi, jiena ma tantx nixtieq niddistingwi bejniethom għaliex għalija kulħadd huwa benefattur ta' skond ma jista', u aħna napprezzaw kull għajnuna li wieħed joffri; u hawn irrid nagħmel appell lil kull min jixtieq li din l-opra tkompli miexja bix-xogħol tad-drapp sabiex jagħmel xi offerta ta' skond ma jista' biex b'hekk inkunu nistgħu nżejnu aktar it-toroq ta' Ħal Balzan.

Jiena, għan-nom tal-Każin 'Marija Annunzjata', pubblikament nirringrazzja lill-President tal-Każin, is-Sur Pawlu Grima, għax għal Ħal Balzan inħoss li huwa benefattur u artist ieħor, lis-Sinjura tiegħu, u lis-Sinjura Elvira Delicata, li għenitu f'dak li huwa kellu bżonn biex seta' jiżżanzan is-sett komplit, kif ukoll lill-poplu kollu.

DWAR ĦAL BALZAN MILL-PARLAMENT

Is-Sur K. Agius (M.L.P.) staqsa lill-Ministru tal-Bini Pubbliku u Xogħlijiet:

Peress li fit-triq il-ġdida ta' ma' ġenb il-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Balzan hemm ħafna terrapien li ilu żmien twil ikerraħ il-pjazza tar-raħal u fl-istess ħin jikkrea ħmieġ kbir, u li anke ħdejn il-Knisja Parrokkjali u l-Oratorju tan-Naxxar hemm ostakoli simili, jista' l-Onor. Ministru jara min hu nkarigat minn dan ix-xogħol biex dawn il-postijiet jitnaddfu fl-inqas żmien possibbli?

Tweġiba:

Sejrin jittieħdu passi biex jitnaddfu l-postijiet imsemmija mill-Onorevoli Sinjur.

Is-Sur K. Agius (M.L.P.) staqsa lill-Ministru tal-Bini Pubbliku u Xogħlijiet:

Peress li t-toroq li minnhom igħaddu r-route buses ta' Lija u Balzan huma dojoq ħafna li sikwit jinqalgħu inċidenti, jista' l-Onor. Sinjur jagħti tagħrif jekk għal dawn iż-żewġt irħula hemm xi pjan ta' xi toroq li minnhom it-traffiku msemmi jkun jista' jiffunzjona bla danni għal ħadd?

Tweġiba:

Hemm pjan regulatur maħsub apposta fil-Planning Scheme ta' l-inħawi msemmija. Dan jibda jiffunzjona meta t-toroq ippjanati jiġu mfassla u asfaltati wara żvilupp ta' djar mill-privat.

RENDIKONT TAN-NAR GĦALL-FESTA TA' MARIJA SANTISSIMA ANNUNZJATA

7 ta' Lulju sa l-14 ta' Lulju 1974

DĦUL		ĦRUĠ		
Ġbir ta' kull ġimgħa	£M232.11,0	Materjal mingħand	J. Fenech	£M82.37,0
Mill-arbural	66.00,0	”	J. Fenech	100,00,0
Mil-lotteriji	103.13,0	”	J. Fenech	42.30,0
	£M401.24,0	”	J. Briffa & son	78.00,0
Somma maħruġa mid-dilettanti tan-nar	£M206.91,0	”	J. Briffa & son	70.13,0
	£M608.15,0	”	A. Cini	64.90,0
		”	A. Cini	59.50,0
		”	M. Bartolo	2.00,0
		”	C. Borg	4.50,0
		”	C. Borg	5.45,0
		”	A. Cini	32.00,0
		”	J. Ebejer	7.00,0
		Whisky għal-lotteriji		60.00,0
				£M608.15,0

Għal aktar tagħrif dwar riċevuti ta' materjal eċċ., irrikorru għand is-Sur Nazzareno Azzopardi.

VITAFOAM

ISEM TA' GARANZIJA

PRODOTTI —
SAQQIJIET
IMĦADED
CUSHIONS U AFFARIJIET
OĦRA TAL-FOAM

IRRIKORRU:
VITAFOAM MALTA LIMITED
INDUSTRIAL ESTATE,
SAN ĠWANN (B'KARA)
Telephone: 36275/76

CORDINA HALL
CARMEL STREET, BIRKIRKARA

Tinkera għat-Tiġijiet, Engagements u kull okkażjoni oħra.
Aħsbu kmieni għall-Booking Tel. 42093, 40183, 22254

Jew applikaw għand:
F. CORDINA & SONS
CORDINA SHOW ROOM
Bishop Labini Street, Birkirkara.